


# ĠRAJJIET IL-ĦAJJA FIL-ĠUDAJIŻMU

*Marcello Ghirlando*

Indawru issa l-ħarsa tagħna lejn ġrajjiet il-ħajja u kif dawn jiddawlu bit-twemmin tal-Ġudajiżmu u liema huma t-tradizzjonijiet Lhud l-aktar importanti fil-ħajja tad-dar.

## Twelid u Ċirkonċiżjoni

L-ewwel kmandament tal-Iskritturi Lhud huwa ċar fil-kuntest tal-ewwel rakkont tal-ħolqien fil-Ktieb tal-Ġenesi: "Nisslu u oktru, u imlew l-art, u aħkmuha" (1: 28). Fiż-żmien bibliku n-nisa kienu jmilu biex jeħilsu (1Sam 4: 19) jew joqogħdu bilqiegħda fuq banketta apposta (Eż 1). Il-preċetti tal-Iskritturi Lhud jagħtuna ħjiel ta' x'kellu jsir għall-indafa ritwali tal-mara: jekk tiled tifel kienet tkun ritwalment imniġġsa għal sebat ijiem u għal tlieta u tletin jum ma setgħetx tersaq lejn it-Tempju u tmiss oġġetti qaddisa; jekk tiled tifla kienet tkun ritwalment imniġġsa għal erbatax-il jum u l-jiem li fihom ma setgħetx tersaq lejn it-Tempju kienu jkunu ta' sitta u sittin. F'każ ta' kumplikazzjonijiet gravi fil-ħlas il-ħajja tal-mara kienet tieħu preċedenza fuq dik tat-tarbija mhux imwielda, tarbija li kienet titqies bħala kompletament umana malli tkun nofsha barra mill-ġuf.

Ta' min ifakkar li fl-antik il-qraba tat-tarbija l-ġdida kienu jużaw diversi amuleti biex ibiegħdu l-ispirti l-ħżiena minnha. Fl-Ewropa tal-Lvant, miż-Żminijiet tan-Nofs, l-omm kienet tmur fis-sinagoga biex titlob u trodd ħajr lil Alla għat-twelid tat-tarbija l-ġdida bil-barka msejħa *Gomel*, filwaqt li l-ġemgħa titlob il-barka, *Mi-Xe-Barak*, fuq l-omm u t-tarbija.

L-isem ta' tarbija tifel jingħata waqt ir-rit taċ-ċirkonċiżjoni, filwaqt li l-isem ta' tarbija tifla jingħata wara li tinqara t-*Torah* l-ewwel darba wara t-twelid tagħha. L-isem Lhudi jingħaqad ma' *ben*, "bin" jew *bat*, "bint" u l-isem tal-Missier. Hija l-forma uffiċjali li tintuża fid-dokumenti Lhud u meta persuna tissejjaħ biex taqra t-*Torah*. Din hija prattika li baqgħet tintuża sal-ġurnata tal-lum, anki jekk l-individwu jingħata wkoll isem sekulari. Tradizzjonalment, waqt xi marda serja, l-isem kien jinbidel biex l-anġlu tal-mewt jitfixkel!

L-Iskritturi Lhud jitkellmu wkoll fuq id-drawwa li l-ewwel wild ikun mifdi għax dawn kellhom ikunu ppreżentati lil Alla fit-Tempju, drawwa li tissejjaħ *Pidjon ħa-Ben*: "U l-Mulej kellem lil Mosè u qallu: 'Ħu l-Leviti minflok l-imweldin l-ewwel ta' wlied Israel, u l-bhejjem tal-Leviti minflok il-bhejjem tagħhom. Il-Leviti jkunu tiegħi: Jiena l-Mulej. U bi prezz għall-fidwa tal-mitejn u tlieta u sebgħin imwieled l-ewwel ta' wlied Israel, li jibqgħu żejda fuq l-għadd tal-Leviti, ħu ħames xwiekel għal kull ras – ix-xekel ikun ta' għoxrin uqija daqskemm jswa x-xekel tas-santwarju. Int tagħti dawn il-flus lil Aron u lil uliedu b'fidwa ta' dawk li baqgħu żejda.' U Mosè ħa l-flus tal-fidwa tal-Leviti. Mill-imweldin l-ewwel ta' wlied Israel ħa s-somma ta' elf tliet mija u ħamsa u sittin xekel, daqskemm jiswa xekel tas-santwarju. U Mosè ħa l-flus ta' dawk li kienu mifdija lil Aron u wliedu, skont ma ordnalu l-Mulej" (Num 3: 44-51). Skont il-leġiżlazzjoni mfissra fil-*Mixnah* u fit-*Talmud* ulied il-qassisin u l-Leviti u n-neputijiet tagħhom huma eżenti mir-rit tal-fidwa. Fiż-żmien rabbiniku ssawret ċerimonja li fiha missier it-tifel, 31 jum wara t-twelid, jistqarr quddiem qassis li t-tarbija hija l-ewwel wild ta' ommu u missieru, u li hu, bħala missier, huwa obligat jifdih. Dan isir bil-ħlas ta' ħames *xekalim*. Il-missier imbagħad jgħid it-talba tal-barka biex iwettaq il-preċett tal-fidwa u jrodd ħajr lil Alla.

Skont l-Iskritturi Lhud it-tfal subien issirilhom iċ-ċirkonċiżjoni ritwali bħala sinjal tal-patt bejn Abraham u nislu: "U Alla żied jgħid lil Abraham: 'U int iżżomm il-patt tiegħi, int u nislek warajk, skont il-ġenerazzjonijiet tagħkom. Dan hu l-patt li għandkom tħarsu bejni u bejnkom, u



ma' Israel bħala patt għal dejjem.' Huwa miktub: "U Abraħam ħaten lil ibnu Iżakk meta kellu tmint ijiem, bħalma kkmanda l-Mulej.' Roddu ħajr lill-Mulej, għaliex hu tajjeb, għaliex it-tjieba tiegħu għal dejjem. Dan iċ-ċkejken ħa jsir kbir. Bħalma daħal fil-patt, hekk jiddaħħal fl-istudju tal-Liġi, taħt it-tinda taż-żwieġ, u jimxi fit-triq tal-għemejjel tajba."

bejni u bejn nislek warajk għal dejjem: aħtnu kull raġel fostkom. Intom tkunu maħtuna fil-laħam ta' ġisimkom, u dan ikun sinjal bejni u bejnkom'" (Ġen 17: 9-11).

Il-ħtin jew ċirkonċiżjoni ritwali ssir tmint ijiem wara t-twelid tat-tifel u ssir minn *Moħel*. Huwa rit li jista' jsir fix-*Xabbat*, fil-festi Lhud u anki fil-*Jom Kippur*. Iċ-ċerimonja ssir tradizzjonalment, issir fil-preżenza ta' għaxart irġiel Lhud, *minjan*. Filgħodu t-tarbija tittieħed mill-parrina li tagħtih f'idejn il-parrinu, *sandak*. Is-*sandak* jieħu t-tifel fil-kamra fejn isir il-ħtin u jagħtih f'idejn l-individwu li jqiegħdu fuq is-Siġġu ta' Elija. Persuna oħra tieħu t-tarbija mis-siġġu u jqegħedha f'dirgħajn il-missier li jgħaddiha fuq l-irkupptejn tal-parrinu. Il-ħtin isir minn *moħel* u llum id-demm jinġibed bi strument apposta. It-tarbija mbagħad titqiegħed f'dirgħajn persuna oħra waqt ir-rit tal-għoti tal-isem li fih tingħad il-barka fuq tazza nbid. "Ħa tkun imfaħħar, Mulej Alla tagħna, li ħlaqt il-frott tad-dielja. Ħa tkun imfaħħar, Mulej Alla tagħna, li qaddist lill-maħbub Isakk mill-ġuf u naqqaxt il-preċetti tiegħek f'laħmu, u ssiġġillajt lil nislu bis-sinjal tal-patt qaddis. Minħabba dan, o Alla l-ħaj, is-sehem u l-blata tagħna, eħles mill-qerda lill-maħbubin ta' demmna, f'ġieh il-patt li inti naqqaxt f'ġisimna. Ħa tkun imfaħħar, Mulej Alla tagħna, li wettaqt il-patt. Alla tagħna u Alla ta' missirijietna, ħares lil dan il-wild, lil missieru u ommu, u agħmel li jissejjaħ Israel... bin.... Ħa jifraħ il-missier f'nislu u l-omm tifraħ b'uliedha; bħalma hu miktub: 'Ħa jifirħu missierek u ommok, ħa tifraħ dik li wilditek.'... Huwa miktub: 'Huwa ftakar fil-patt tiegħu għal dejjem, il-kelma li kkmanda għall-elf nisel; il-patt li għamel ma' Abraham, il-ħalfa li ħalef lil Isakk, u li wettaq ukoll ma' Ġakobb,

## *Bar Mitzvah*

It-*Talmud* jistqarr li l-adoloxxenza fis-subien tibda meta dawn ikollhom tlettax-il sena u jum. Hu l-waqt li fih isir Lhudi adult u jista' jitqies bħala membru ta' *minjan*. Hija l-età meta l-ġuvnott jibda josserva l-kmandamenti. Il-kelma *bar mitzvah* tfisser "bin kmandament" u b'mod ġenerali tintuża għal-Lhud li jridu josservaw il-kmandamenti.

Maż-żmien issawwar rit ta' passaġġ li ssejjaħ ukoll *Bar Mitzvah*. F'din iċ-ċerimonja t-tifel Lhudi jilbes it-*tefillin* u jaqra t-*Torah* b'mod pubbliku għall-ewwel darba. Fost il-Lhud tal-Ewropa tal-Lvant it-tifel kien jissejjaħ biex jaqra t-*Torah* fl-ewwel Tnejn jew Ħamis wara li jagħlaq tlettax-il sena. It-tifel kien jgħid il-barkiet tat-*Torah* u jkanta xi vrus mis-silta għal dik il-ġimgħa. Fl-Ewropa tal-Punent it-tifel

kien jissejjaħ biex jaqra t-*Torah* fit-talb tax-*Xabbat* filgħodu, ilissen il-barkiet tat-*Torah*, ikanta l-*maftir* u jaqra mill-Profeti. Jidher li llum din hija l-prassi. Malli t-tifel jispiċċa jaqra mit-*Torah*, il-Missier ilissen it-talba *Baruk Xe-Pataroni,* "Imbierek huwa Dak li serraħni." Ħafna drabi t-tifel ikun mistieden jagħmel diskors żgħir biex juri dak li jaf; ir-Rabbi mbagħad jgħid wkoll kelmtejn indirizzati lejn it-tifel li jkun qed jagħmel il-*Bar Mitzvah.* Ir-rit kienu jiċċelebrawh ukoll id-dar b'ikla wara t-talb tas-Sibt filgħodu, jew b'dik li kienet tissejjaħ *sewdah xelixit,* "it-tielet ikla", wara t-talb ta' wara nofsinhar. Dawn inbidlu f'barka fuq il-ħobż u l-inbid, *Kiddux,* fit-talb tas-Sibt filgħodu, u wara ikla familjari. Illum ħafna jippreferu jagħmlu festin flimkien. Interessanti ninnutaw li mill-1967 l-*Bar Mitzvah* taċ-ċittadini tal-Istat ta' Israel issir quddiem il-Ħajt tal-Punent f'Ġerusalemm.

Ir-Riformaturi tas-seklu XIX kienu ħolqu ċerimonja kemm għas-subien kif ukoll għall-bniet. Iżda qatt ma kien hemm xi obbligu legali biex il-bniet jagħmlu l-*Bar Mitzvah* malli jagħlqu tnax-il sena u ġurnata. Fid-dinja tal-Ġudajiżmu Ortodoss kien Ġakobb Ettliner li ħoloq ċerimonja ekwivalenti għall-*Bar Mitzvah* għall-bniet, u li xterdet fost il-komunitajiet Lhud. Fl-istess seklu XIX din id-drawwa l-ġdida kienet approvata minn Ġużeppi Ħajjim bin Elija al-Ħakam ta' Bagdad: dan kiteb diversi regoli li kienu jinkludu ċ-ċelebrazzjoni ta' ikla, u libsa ġdida għat-tifla li kellha tagħmel il-*Bat Mitzvah* u tlissen il-barka *Xeħeħejanu,* "Dak li ħarisna". Fil-Ġudajiżmu Konservattiv kien Mordekaj Kaplan li mexxa ċ-ċerimonja tal-*Bat Mitzvah* fil-komunitajiet Lhud tal-Amerika. Fil-komunitajiet mhux Ortodossi t-tifla tiċċelebra l-*Bat Mitzvah* il-Ġimgħa filgħaxija jew is-Sibt filgħodu meta tmexxi t-talb, tkanta l-*Ħaftarah* u tagħmel kelmtejn. F'xi sinagogi taqra t-*Torah* ukoll. Fost l-Ortodossi, f'*minjan* ta' nisa, it-tifla taqra t-*Torah* u tkanta l-*Ħaftarah.* Barra l-Istati Uniti, il-bniet li jagħmlu l-*Bat Mitzvah* ma jeħdux sehem fis-servizz tas-sinagoga: huwa l-missier tat-tifla li jaqra t-*Torah* u jlissen il-barka *Baruk Xe-Petaroni*; it-tifla mbagħad tlissen it-talba *Xeħeħejanu* u r-Rabbi jagħmel kelmtejn.



## Għerusija u Żwieġ

Fil-Ġudajiżmu ż-żwieġ huwa l-pjan ta' Alla għall-bnedmin, skont ir-rakkont ta' Adam u Eva fil-Ktieb tal-Ġenesi. Il-Ġudajiżmu jqis iż-żwieġ bħala rabta qaddisa u mezz li jirrealizza l-persuna umana. Huwa meqjus bħala istituzzjoni li għandha tifsira universali, imwettqa minn awtorità divina, u mhux biss bħala kuntratt legali. L-iskop taż-żwieġ huwa li tinbena familja li tkompli s-soċjetà. Fil-bidu l-Lhud seta' jkollhom aktar minn mara waħda imma dan kiem ipprojbit minn Rabbenu

Gerxom fis-sena 1000. Minn dak iż-żmien iż-żwieġ Lhudi tqies bħala mongamiku.

Jekk inqallbu fl-Iskritturi Lhud nindunaw li, bħal f'kull soċjetà patrijarkali, iż-żwiġijiet kienu jkunu ppjanati mill-missier: ngħidu aħna naraw lil Abraham li jibgħat qaddej ifittex mara għal Iżakk filwaqt li Ġuda ħejja għaż-żwieġ tal-ewwel iben tiegħu (Ġen 24: 10-53; 38: 6). Meta l-proposta taż-żwieġ kienet tintlaqa' minn missier it-tfajla, jew minn ħuha l-kbir meta ma kienx ikun hemm il-missier, kien isir il-ftehim fuq il-ħlas, *moħar*, li kellu jsir mir-raġel. Fi żmien it-Tieni Tempju jidher li kien hemm aktar għażla: ġuvni kien jagħmel l-għażla tal-għarusa fil-15 ta' *Av* u f'Jum l-Espijazzjoni minn fost grupp ta' xebbiet li kienu joħorġu jiżfnu fl-għelieqi tad-dwieli.

Iż-żwieġ kien jitħejja bi żmien ta' għerusija. Iċ-ċerimonja taż-żwieġ kienet tniedi sebat ijiem ta' festa. Fiż-żmien talmudiku l-*moħar* żviluppa fil-*ketubah*, kitba formali taż-żwieġ li ggarantixxa protezzjoni lill-mara fil-każ li jmut żewġha jew jitlaqha permezz tad-divorzju. Huwa sewwasew f'dan iż-żmien li l-att formali taż-żwieġ ma baqax proċedura ċivili personali imma nbidel f'ċerimonja reliġjuża pubblika li għaliha kien ikun meħtieġ *minjan* u t-talb.

Fiż-żmien Bibliku u talmudiku ż-żwieġ kellu żewġ mumenti prinċipali: l-għerusija u n-*Nissujin.* L-għerusija nfisha kellha wkoll żewġ mumenti: l-impenn ta' koppja li jiżżewġu bil-ftehim fuq ix-*xiddukin* ("serħan il-moħħ"), jiġifieri l-obbligazzjonijiet finanzjarji, u ċerimonja li kienet twaqqaf relazzjoni ta' żwieġ, *għerusin,* imma indipendenti miċ-ċerimonja taż-żwieġ. F'Ġenesi 34 għandna eżempju tax-*xiddukin*, fejn jitħallas *moħar*, is-somma tal-flus imħallsa mir-raġel lill-missier dik li kellha tkun martu. It-*Talmud* jitkellem mill-ftehim li kellu jsir bejn il-ġenituri tal-għarajjes dwar l-obbligazzjonijiet finanzjarji. Dawn kienu jitniżżlu bil-miktub fuq dokument imsejjaħ *xetar pesikta*; l-ammont mogħti lill-iben kien jissejjaħ *nedunja.* Miż-Żminijiet tan-Nofs sal-lum il-ftehim qabel iż-żwieġ kien isir bil-fomm, *vort*, u permezz ta' ċerimonja, *kinjan*, li fiha l-għarajjes jintrabtu li jiżżewġu. Dan isir waqt ikla; wara ssir il-kitba, *tenajim*, li fiha jkun hemm il-ftehim u d-data u l-post fejn għandu jsir iż-żwieġ. Iċ-ċerimonja tagħlaq bl-ommijiet tal-għarajjes li jkissru platt tal-fuħħar.

Fil-Bibbja l-għerusija hija msejħa *għerusin*; fiż-żmien rabbiniku tissejjaħ *kidduxin*, kelma li turi li minn dak il-ħin it-tfajla ma setgħetx tkun ta' rġiel oħra. Skont il-*Mixnah* l-għarusa setgħet tittieħed għaż-żwieġ permezz tal-flus jew b'att miktub jew bl-att sesswali. Fl-għerusija l-għarus kien jagħti ċurkett lill-għarusa u filwaqt li jlibbisulha jistqarr: "Ara, issa inti kkonsgrata għalija b'dan iċ-ċurkett skont il-liġi ta' Mosè u ta' Israel." Wara barka fuq l-inbid iċ-ċerimonja kienet tintemm. L-għarusa kienet tibqa' tgħix id-dar ta' missierha saċ-ċelebrazzjoni tan-*nissujim.*

Fiċ-ċelebrazzjoni tan-*nissujim* kienu jinqraw is-seba' barkiet li bihom ibierku lil Alla talli ħalaq il-bniedem fuq ix-xbieha tiegħu u talli ta lill-bnedmin id-don li jnisslu. Fihom jintalab il-ferħ għall-miżżewġin il-ġodda. Miż-Żminijiet tan-Nofs, fost il-Lhud tal-Ewropa tal-Lvant, iċ-ċerimonja tal-għerusija bdiet issir minnufih qabel iċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ. Hekk bdew jagħmlu wkoll il-Lhud ta' Spanja u tat-Tramuntana tal-Afrika. Illum, huma l-*Ħasidim* biss li għadhom jiċċelebraw iċ-ċerimonja tat-*tenajim.*

Hemm diversi tradizzjonijiet marbutin mal-festa tat-tieġ. Lejlet it-tieġ l-għarusa tinħasel fil-banju ritwali, *mikveh;* id-data tat-tieġ tkun magħżula b'tali mod li ma tinzertax fil-ġranet taċ-ċiklu tagħha jew il-ġimgħa ta' wara. F'xi komunitajiet tal-Lvant din



kienet tkun ċelebrazzjoni pubblika. L-għarus kien ikun mistieden jaqra t-*Torah* fix-*Xabbat* ta' qabel jew ta' wara t-tieġ; kienu jixtħulu l-ħelu, bħala sinjal ta' awgurju, waqt il-qari tal-barkiet tat-*Torah.* Waqt iċ-ċerimonja tat-tieġ, li miż-Żmien tan-Nofs bdiet issir fil-bitħa tas-sinagoga, l-għarajjes kienu jimxu u joqogħdu taħt it-tinda taż-żwieġ, *ħuppah,* filwaqt li kienu jixtħulhom ir-ross u l-konfetti; hija ċerimonja li kienet ssir fil-ftuħ biex tfakkar fil-wegħda li Alla għamel lil Abraham: nislu kellu jkun kbir daqs il-kwiekeb tas-sema. Illum, din iċ-ċerimonja, ħafna jagħmluha f'sala tat-tiġijiet.

Fost l-Ortodossi t-tieġ isir bil-kitba taż-żwieġ: l-għarus jiffirma l-*ketubah* u jekk it-tieġ isir wara nofsinhar, isir fil-mument tat-talb u l-għarus, li jkun sajjem, ilissen l-istqarrija tal-*Jom Kippur;* jittieħed lejn l-għarusa u jgħattilha wiċċha b'velu; jimxu flimkien mal-ġenituri tagħhom lejn *il-ħuppah* u min jimxi magħhom jakkumpanjahom bix-xemgħat. Taħt it-tinda r-rabbi jgħid il-barka fuq l-inbid u l-barka magħrufa bħala *għerusin;* wara li l-għarajjes jixorbu mill-inbid, l-għarus, filwaqt li jdaħħal iċ-ċurkett fis-seba' tal-għarusa, jistqarr: "Ara inti kkonsagrata lili b'dan iċ-ċurkett skont il-liġi ta' Mosè u ta' Israel." Jitlissnu s-seba' barkiet fuq it-tieni tazza tal-inbid u ċ-ċerimonja tagħlaq billi l-għarus jirfes fuq tazza u jkissirha. Imbagħad l-għarajjes jittieħdu f'kamra privata, għalihom waħedhom, *jiħud*. Wara l-ikla tat-tieġ tingħad it-Talba ta' Wara l-Ikel u jinqraw is-seba' barkiet għal darb'oħra.

Il-Kitba taż-Żwieġ ġeneralment tieħu din il-forma u tinqara waqt iċ-ċelebrazzjoni tat-tieġ: "Fil-jum (fl-ewwel jum) tal-ġimgħa, il-jum... tax-xahar..., fis-sena ħamest elef, sitt mija u... mill-ħolqien tad-dinja, iż-żmien li fih ngħoddu hawnhekk f'din il-belt (il-belt, stat u pajjiż), kif... (isem l-għarus), bin...(isem tal-missier), bil-kunjom..., qal lil din ix-xebba...(isem l-għarusa), bint...(isem il-missier), bil-kunjom...: 'Ħa tkun marti skont il-liġi ta' Mosè u ta' Israel, u jiena ngħożżok u nirrispettak, nweġġħek u nżommok skont id-drawwa tal-irġiel

Lhud li jgħożżu, jirrispettaw, iweġġħu u jżommu lill-mara tagħhom skont il-verità. Hawnhekk jiena nagħmel il-ftehim tax-xebbiet, mitejn *żużim* tal-fidda, li huma tiegħek, skont il-liġi ta' Mosè u ta' Israel; u jiena nagħtik l-ikel, il-ħwejjeġ u dak kollu li huwa meħtieġ, u ngħix miegħek bħala raġel u mara skont id-drawwa universali.' U ...(isem l-għarusa) din ix-xebba tat il-kunsens tagħha u saret martu. Il-libsa tat-tieġ li ġiebet minn dar missierha, il-fidda, id-deheb, l-affarijiet ta' valur, ħwejjeġ, għamara tad-dar u lożor, dan kollu...(isem l-għarus), l-għarus imsemmi aċċetta bis-somma ta' mitt biċċa tal-fidda, u ...(isem l-għarus), aċċetta li jżid dan l-ammont mill-proprjetà tiegħu bis-somma ta' mitt biċċa tal-fidda. Hekk qal ...(isem l-għarus) l-għarus: 'Ir-responsabbiltà ta' dan il-kuntratt taż-żwieġ, ta' din il-libsa tat-tieġ, u ta' din is-somma miżjuda, neħodha fuqi u l-werrieta tiegħi warajja, biex ikunu mħallsa mill-aħjar parti tas-sehem li għandi issa jew li għad irrid nikseb taħt is-sema. Il-proprjetà kollha tiegħi, dik vera u personali, anki l-mantell fuq spallejja, ikunu kapparra biex iħallsu dan il-kuntratt taż-żwieġ, il-libsa tat-tieġ, u dak kollu li żdied, f'ħajti u wara mewti, mil-lum u għal dejjem.' ...(isem l-għarus), l-għarus, refa' fuq spallejh il-piż ta' dan il-kuntratt taż-żwieġ, tal-libsa tat-tieġ u dak kollu li kien miżjud, skont l-użu restrittiv tal-kuntratti kollha taż-żwieġ u ż-żjidiet magħmula għall-ulied bniet ta' Israel, u skont kif riedu l-għorrief tagħna, li huma ta' tifkira hienja. Dan ma għandux jitqies bħala ftehim bla ħsieb u lanqas bħala formula ta' dokument. Segwejna l-formalità legali tal-ftehim bejn ...(isem l-għarus), bin..., l-għarus, u ...(isem l-għarusa), bint ..., din ix-xebba, u għal dan l-iskop ilbisna lbies li huwa legalment xieraq, u biex insaħħu dan kollu li stqarrejna."

Fost l-Ortodossi jitħarsu l-liġijiet tal-indafa ritwali, *niddah*. Ir-relazzjonijiet sesswali bejn il-miżżewġin isiru meta l-mara tkun nadifa ritwalment. Waqt iċ-ċiklu tagħha, u anki ġimgħa wara, il-mara ma tistax tersaq lejn żewġha. Wara dal-jiem hija tmur il-banju ritwali u tinħasel kompletament u tista' terġa' tibda jkollha x'taqsam ma' żewġha.

L-impedimenti għaż-żwieġ fil-Ġudajiżmu huma jew ta' natura temporanja jew permanenti. Xi żwiġijiet huma pprojbiti b'mod temporanju, ngħidu aħna: armla jew mara ddivorzjata ma tistax tiżżeweġ qabel ma jgħaddu disgħin jum mill-mewt tar-raġel jew mill-kitba, *get*, tad-divorzju; persuna ma tistax tiżżewweġ fit-tletin jum tal-luttu; armel irid jistenna li jgħaddu tliet festi qabel ma jerġa' jiżżewweġ, sakemm ma jkollux tfal jew għandu tfal żgħar li jeħtieġu l-kura ta' omm; wieħed ma jistax jiżżewweġ mara tqila, jew mara li qed tredda', sakemm ma jgħaddux 24 xahar; mara ma tistax tiżżewweġ għat-tielet darba jekk iż-żewġt irġiel li kellha mietu b'xi inċident; mara miżżewġa ma tistax terġa' tiżżewweġ raġel ieħor sakemm ma ġġibx il-kitba tad-divorzju.

L-impedimenti permanenti għaż-żwieġ huma indikati fl-Iskritturi Lhud, fil-kapitli 18 u 29 tal-Ktieb tal-Levitiku. Hemm il-projbizzjoni li jsir iż-żwieġ mal-qraba, komuni għall-maġġoranza tas-soċjetajiet; raġel ma jistax jiżżewweġ l-ewwel mara tiegħu li tkun reġgħet iżżewġet u ddivorzjat jew saret armla; mara li tkun għamlet l-adulterju hija pprojbita kemm lil żewġha u kemm lir-raġel li jkun għamel l-adulterju magħha. Jekk hija mara li kienet stuprata ma tistax tiżżewweġ qassis, *Koħen;* mara ma tistax tiżżewweġ ir-raġel li jkun irrappreżentaha fil-każ tad-divorzju tagħha jew kien xhud tal-mewt ta' żewġha; qassis ma jistax jiżżewweġ armla, mara ddivorzjata jew prostituta; bin jew bint relazzjoni illeġittima jew ta' inċest, *mamżer*, irid biss jiżżewweġ ma' *mamżer* jew persuna kkonvertita għall-Ġudajiżmu; fit-teorija

ż-żwiġijiet imħallta huma pprojbiti.

## Divorzju

L-Iskritturi Lhud jitkellmu wkoll fuq il-proċeduri tad-divorzju: "Jekk raġel jieħu mara u jiżżewwiġha, u mbagħad ma tkunx togħġbu għax ikun sab fiha xi ħaġa mhix xierqa, jiktbilha l-kitba tad-divorzju, u jagħtihielha f'idha, u jibgħatha 'l barra minn daru" (Dewt 24: 1). Mela huwa r-raġel li għandu s-setgħa jiddivorzja u dan jagħmlu b'att legali miktub. Ir-Rabbini ddiskutew fit-tul ir-raġunijiet li għalihom raġel seta' jibgħat lil martu: l-Iskola ta' Xammaj interpretaw "il-ħaġa mhix xierqa" fl-isfera sesswali u l-Iskola ta' Ħillel interpretaw din il-kelma b'mod aktar wiesgħa.

Id-divorzju ma kienx permess meta raġel kien jakkuża lil martu li ma kinitx verġni fil-mument taż-żwieġ u dan kien ikun ippruvat li mhux veru (ara: Dewt 22: 13-19), jew jekk stupra xebba li wara jkun ħadha b'martu (Dewt 22: 28-29). Diġà rajna kif raġel ma setax jerġa' jiżżewweġ mara li kien iddivorzja u li kienet reġgħet iżżewġet u saret armla jew iddivorzjata mill-ġdid (Dewt 24: 2-4); qassis ma setax jiżżewweġ mara ddivorzjata (Lev 21: 7).

Fiż-żmien Talmudiku l-leġislazzjoni dwar id-divorzju żviluppat: il-qorti setgħet iġġiegħel lir-raġel jibgħat lil martu jekk din ma tkunx nisslet għal għaxar snin, jekk ma jkunx jew ma setax imantniha, jekk kellu xi marda kerha jew anki jekk kien jirrifjutalha d-drittijiet konjugali tagħha.

Il-kitba tad-divorzju, *get*, kellha tinkiteb bl-Aramajk minn skriba skont formula mibnija fuq il-liġi fil-*Mixnah:* malli kienet tingħata lill-mara, kienet tittieħed mir-rabbi li kien jaqtagħha b'tali mod li ma setgħetx tintuża għat-tieni darba; b'serje ta' mistoqsijiet ir-rabbi jaċċerta ruħu li dan kollu jsir bil-libertà kollha tal-partijiet konċernati. F'dan il-mument, quddiem żewġ xhieda, ir-raġel jagħti lil martu l-*petor*, dokument li jikkonferma li hu ddivorzjat u seta' jerġa' jiżżewweġ. Il-mara setgħet tiżżewweġ wara disgħin jum biex ikun ċert li ma kinitx tqila mill-eks aġel tagħha.

Interessanti kif skont il-proċedura tradizzjonali jsir dak li hemm miktub fl-Iskritturi: "Jiktbilha l-kitba tad-divorzju, u jagħtihielha f'idha." Ir-rabbi jitlob lill-mara tneħħi l-ġojjelli minn idejha, biex b'idejn miftuħa tilqa' l-kitba tad-divorzju. L-iskriba jgħaddi l-*get* lir-rabbi, li jgħaddiha lir-raġel li jżommha b'idejh it-tnejn u jqegħedha fil-pali tal-idejn ta' martu, filwaqt li jistqarr: "Din hija l-*get* tiegħek li permezz tagħha inti ddivorzjata minn issa biex tkun tista' ssir il-mara ta' raġel ieħor." Il-mara tagħmel ftit passi bil-*get* f'idejha, terġa' tagħtiha lura lir-rabbi, li jaqraha fil-preżenza tax-xhieda, li jridu jidentifikaw il-*get* u l-firem, u jistqarr: "Isimgħu intom ilkoll li qegħdin hawn u ftakru li Rabbenu Tam ħadha kontra dawk kollha li jippruvaw jinvalidaw *get* wara li jingħata." Jekk il-partijiet konċernati ma jistgħux ikunu preżenti, jistgħu jibagħtu lil xi ħadd flokhom.

Matul l-istorja saru diversi tibdiliet fil-leġislazzjoni tad-divorzju fost il-Lhud. Forsi l-aktar waħda importanti hija l-bidla li ried Rabbi Gerxom fiż-Żminijiet tan-Nofs fejn ried li d-divorzju jrid ikompli jingħata mir-raġel imma bil-kunsens tal-mara. B'hekk id-drittijiet tal-mara saru kważi l-istess bħal dawk tar-raġel. Il-liġijiet li ġew wara saħħew din il-ħaġa, tant li divorżju mingħajr il-kunsens tal-mara kien meqjus bħala null, ħlief fil-każ li l-mara taqa' fl-apostasija. Dan kien pass kbir 'il quddiem, anki jekk mhux dejjem solva l-każijiet tal-*agunot*, jiġifieri tan-nisa, li għal diversi raġunijiet, ma jingħatawx id-divorżju mill-irġiel tagħhom u li legalment ma jistgħux jerġgħu jiżżewġu. Id-diversi Movimenti fil-Ġudajiżmu ppruvaw isolvu dawn il-każijiet billi taw

aktar awtorità fil-materja lill-awtoritajiet Rabbiniċi. Ir-Riformaturi għażlu li jikkonvalidaw id-divorzju ċivili.

Il-kitba tad-divorzju ġeneralment timxi fuq dan il-kliem: “Fil-...jum tal-ġimgħa, il-jum... tax-xahar ta’..., fis-sena... mill-ħolqien tad-dinja skont il-kalendarju li jintuża hawnhekk, fil-belt ta’..., li hija mwaqqfa max-xmara..., u qrib l-għejun tal-ilma, jien..., bin..., li llum qiegħed f’din il-belt..., li hija mwaqqfa max-xmara..., u qrib l-għejun tal-ilma, nagħti l-kunsens ħieles tiegħi, mingħajr ħadd ma jġagħalni, li nħalli ħielsa, u nwarrab lilek, marti..., bint..., li llum qiegħed fil-belt ta’..., qrib l-għejun tal-ilma, li kont marti minn qabel. Għalhekk neħilsek, inwarrbek, biex ikollok il-permess u l-awtorità fuqek innifsek biex tmur tiżżewweġ lil kwalunkwe raġel li tixtieq. Ħadd ma jista’ jżommok mil-lum ’il quddiem, u tista’ tkun ta’ kwalunkwe raġel. Din hija għalik il-kitba tad-divorzju, ittra u dokument ta’ ħelsien, skont il-liġi ta’ Mosè u ta’ Israel.”

## Mewt u Luttu

“Bl-għaraq ta’ ġbinek tiekol ħobżok, sakemm terġa’ lura lejn l-art għax minnha int meħud” (Ġen 3: 19): hekk tistqarr l-Iskrittura Lhudija, li tindika li d-dfin ġeneralment kien isir fil-qabar tal-familja (ara: Ġen 47: 29-30 li turi x-xewqa ta’ Ġużeppi li jindifen ma’ missirijietu; Ġen 49: 29-31 li turi l-istess xewqa ta’ Ġakobb). Il-kotba bikrin tal-Iskritturi Lhud jixhdu t-twemmin fix-*Xeol*, il-post fejn kienu jinżlu l-mejtin; huma biss l-aħħar kotba tal-Iskritturi li jixhdu fit-twemmin bikri fil-qawmien minn bejn l-imwiet: “U ħafna minn dawk li huma rieqda fit-trab tal-art jistenbħu, min għall-ħajja ta’ dejjem u min għall-għajb u l-istmerrija ta’ dejjem” (Dan 12: 2).

Tradizzjonalment fil-Ġudajiżmu, wara li jsir kollox biex il-moribond ikun indukrat, il-bniedem jitqies mejjet malli ma jiħux aktar nifs. Il-mewt imbagħad tintlaqa’ minn idejn Alla u l-moribond ikun mistieden jitlob: “Ħajti u mewti huma f’idejk Alla, Alla tiegħi u ta’ missirijieti. Ħa tkun ir-rieda tiegħek li tfejjaqni bis-sħiħ. U jekk immut, ħa tkun mewti tpattija għal dnubieti, għan-nuqqasijiet u d-dgħufija tiegħi quddiemek. Ħa nitqiegħed fis-sehem tiegħi fil-Ġnien tal-Għeden, ħallini nkun dehen tad-dinja mwiegħda lill-ġusti. Isma’, o Israel, il-Mulej hu Alla tagħna, il-Mulej huwa wieħed.”

Fil-mewt ta’ xi qarib, in-nies tal-familja huma mistiedna jgħidu t-talba *Tzidduk ħa-Din*, “Ikun imbierek l-Imħallef ġust.” It-tħejjija ta’ ġisem il-mejjet għad-dfin hija meqjusa bħala opra ta’ karità, *ħesed xel emet:* jiġu magħluqa l-għajnejn u l-ħalq, il-ġisem jitqiegħed fuq il-qiegħa tal-art u jitgħatta b’liżar, b’xemgħa tixgħel ħdejn ir-ras. Il-mirja fid-dar tal-mejjet jitgħattew u bħala opra tajba, *mitzvah*, wieħed jista’ joqgħod mal-mejjet u jitlob bis-salmi.

Ġeneralment, għall-anqas fost il-Lhud Ortodossi, id-dfin isir malajr kemm jista’ jkun, basta mhux nhar ta’ Sibt u fil-*Jom Kippur*, u fl-ewwel u l-aħħar jiem tal-Festi tal-Pellegrinaġġ. Il-ġisem jitħejja billi il-membri tas-soċjetajiet tad-dfin jaħsluh u jorbtuh f’liżar. L-irġiel jindifnu bit-*tallit* tagħhom. Waqt il-purċissjoni funebri r-rabbi jitlob u jkanta b’versi meħuda mill-Iskritturi; qabel id-dfin, li għalih jagħtu daqqa t’id l-irġiel preżenti, isiru kelmtejn tal-okkażjoni. Tingħad ukoll it-talba tal-*Kaddix* u kulħadd jaħsel idejh qabel ma jitilqu ċ-ċimiterju.

Hemm luttu partikulari għal kull min tilef ġenitur, jew wild jew wieħed mill-aħwa: mill-mewt tal-persuna sad-difna dawn mhumiex obbligati għall-kmandamenti pożittivi, ngħidu aħna li jitolbu, jilbsu t-*tefillin,* jgħidu t-talba wara l-ikel; kull min ikun f’luttu ma jistax jieħu sehem fl-ikliet tal-festi jew jieħu sehem f’attivitajiet ta’

divertiment; irid iqatta' biċċa minn ħwejġu, qabel jew wara d-dfin. Wara d-dfin jirritornaw id-dar tal-mejjet/mejta fejn jieklu ikla magħmula minn ħobż u bajd iebes imħejjija minn ħaddieħor. Iż-żmien tal-luttu, *xivah*, "sebgħa", itul għal sebat ijiem li fihom min jagħmel il-luttu ma jistax iqaxxar il-leħja, jinħasel, imur ix-xogħol, jistudja t-*Torah,* ikollu relazzjonijiet sesswali, jilbes żraben tal-ġild, isellem lill-oħrajn, jaqta' xagħru jew jilbes ħwejjeġ nodfa. Ix-*xivah* jieqaf jekk jaslu l-festi ta' *Rox Ħaxanah, Jom Kippur, Sukkot, Pesah* jew *Xavuot.* Huwa pprojbit li jagħmlu luttu pubbliku nhar ta' Sibt. Ix-*Xivah* jintemm filgħodu, fis-seba' jum; it-tletin jum ta' wara, *xeloxin*, "tletin", ikunu wkoll jiem ta' luttu ħafif: ikun ipprojbit li wieħed iqaxxar, jaqta' xagħru u jilbes ħwejjeġ ġodda. Il-luttu għall-ġenituri idum sena sħiħa. Kull min ikun fil-luttu huwa msejjaħ jitlob il-*kaddix* kuljum, fil-ġranet kollha tal-luttu. Hija tradizzjoni li l-anniversarji tal-imwiet tal-qraba jitfakkru bit-talba tal-*Kaddix*, l-istudju tat-*Torah,* bil-kant tal-*Ħaftarah*, u billi jinxtegħlu x-xemgħat.